

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10117/26

ECOFIN 727  
UEM 205  
SOC 315  
EMPL 144  
COMPET 674  
ENV 617  
EDUC 199  
ENER 316  
JAI 728  
GENDER 55  
JEUN 96  
SAN 392  
*ECB*  
*EIB*

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 202 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Bulgarija

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 202 final.

Mehmuż: COM(2026) 202 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026  
COM(2026) 202 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tal-Bulgarija**

{SWD(2026) 202 final}

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tal-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/9799 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir u reżiljenza sostenibbli u inklużivi permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509<sup>(2)</sup>. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

<sup>2</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955

effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u li tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom skont l-Artikolu 175.

- (3) Fis-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifika lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom hemm il-ħtieġa ta' rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>(3)</sup> fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi kif ukoll ir-rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni matul il-5 snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u dan jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza fl-Unjoni.
- (5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>(4)</sup>. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Bulgarija. Hija vvalutat il-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u qieset l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Bulgarija. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Bulgarija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri

---

u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġislaturi.

<sup>3</sup> ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (7) Fl-20 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill, abbażi tal-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Bulgarija<sup>(5)</sup>. Il-pjan kopra l-perjodu mill-2025 sal-2028 u ppreżenta aġġustament fiskali mifruq fuq erba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin: 6,2 % fl-2025, 4,9 % fl-2026, 4,4 % fl-2027, u 4,0 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati massimi ta' tkabbir kumulattiv ikkalkolati permezz ta' referenza għas-sena bażi 2024 ta' 6,2 % fl-2025, 11,4 % fl-2026, 16,3 % fl-2027, u 21 % fl-2028.
- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għamlet stedina lil Stati Membri biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża<sup>(6)</sup> u din il-proposta ntlagħhet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Bulgarija, fit-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta<sup>(7)</sup>. Il-perjodu meta l-klawżola liberatorja nazzjonali tiġi attivata (2025-2028) jippermetti lill-Bulgarija tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex in-nefqa ogħla dejjiema fid-difiża ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.
- (9) Fit-30 ta' April 2026 il-Bulgarija<sup>(8)</sup> ppreżentat l-informazzjoni dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Madankollu, ma ġiet ipprovduta l-ebda data fiskali għall-2026. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Bulgarija dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 3,1 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 3,5 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-PDG reali jikber b'2,5 % fl-2026 u 2,2 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 4,2 % fl-2026 u 2,6 % fl-2027.
- (11) Abbażi ta' data pprovduta mill-Eurostat<sup>(9)</sup>, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Bulgarija żdied minn 3 % tal-PDG fl-2024 għal 3,5 % tal-PDG fl-2025. Iż-żieda fid-defiċit fl-

<sup>5</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Bulgarija (ĠU C, C/2025/3700, 20.8.2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3700/oj>).

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

<sup>7</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 Li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3961, 20 ta' Awwissu 2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3961/oj>).

<sup>8</sup> Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: [https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports\\_en](https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en).

<sup>9</sup> L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

2025 tirrifletti prinċipalment iż-żidiet fis-salarji tas-settur pubbliku, b'mod partikolari fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, iż-żidiet fl-infiq soċjali, inklużi l-indiċjar awtomatiku tal-pensjonijiet, u l-għotjiet ta' investiment fil-Bulgarian Energy Holding. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 4,1 % tal-PDG fl-2026 u 4,3 % tal-PDG fl-2027. Iż-żidiet fl-2026 u fl-2027 jirriflettu prinċipalment iż-żidiet strutturali kontinwi fil-pagi u l-benefiċċji soċjali tas-settur pubbliku fin-nuqqas ta' miżuri ta' kumpens.

- (12) Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>(10)</sup>, li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet espansjonarja, b'2,3 % tal-PDG fl-2025. Huwa pprojetat li jkun espansjonarju, b'1,0 % tal-PDG, fl-2026, u restrittiv, b'1,6 % tal-PDG, fl-2027.
- (13) Abbażi ta' data pprovduta mill-Eurostat <sup>(11)</sup>, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Bulgarija żdied minn 23,8 % tal-PDG fl-aħħar tal-2024 għal 29,9 % tal-PDG fl-aħħar tal-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 tirrifletti prinċipalment l-injezzjonijiet ta' kapital fil-Bulgarian Energy Holding u fil-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 32,3 % sa tmiem l-2026 u jkompli jiżdied għal 35,5 % sa tmiem l-2027.
- (14) Abbażi tad-data tal-Eurostat <sup>(12)</sup>, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fil-Bulgarija ammontat għal 1,9 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, dan huwa pprojetat fl-istess livell fl-2026. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 0,6 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2024.
- (15) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022-2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, il-Bulgarija adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti <sup>(13)</sup>. Dawn jinkludu għajjnuna mmirata ta' kull xahar għal gruppi b'introjtu baxx sa Ġunju 2026 u sussidji mmirati għat-trasportaturi tal-passiġġieri li jipprovdu servizzi ta' insedjamenti żgħar għall-2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojetat li jammonta għal inqas minn 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026.
- (16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Bulgarija kibret b'12,3 % fl-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 huwa pprojetat li jkun ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2,1 % tal-PDG

<sup>10</sup> Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta minn miżuri tad-dħul diskrezzjonali u bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

<sup>11</sup> L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22 ta' April 2026.

<sup>12</sup> Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

<sup>13</sup> Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

f'termini annwali. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq ogħla fid-difiża previst mill-klawżola liberatorja nazzjonali, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta tibqa' ta' 1,4 % tal-PDG.

- (17) Abbażi l-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Bulgarija hija pproġettata li tikber b'5,5 % fl-2026 u bi 18,5 % b'mod kumulattiv fl-2025 u l-2026. It-tkabbir fin-nefqa netta pproġettata fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,2 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta projektata hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2,2 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq ogħla fid-difiża previst mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva pproġettata tan-nefqa netta tibqa' ta' 1,6 % tal-PDG.
- (18) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE<sup>(14)</sup>. Dak ir-rapport ivvaluta s-sitwazzjoni tal-Bulgarija fir-rigward tal-kriterju tad-defiċit. Fl-2025, id-defiċit kien taħt it-3 % tal-PDG meta ammonta għaż-żieda fin-nefqa fid-difiża mill-2024 skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għad-difiża. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, id-defiċit huwa pproġettat li jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG fl-2026 anke wara li titqies iż-żieda fin-nefqa fid-difiża mill-2024. Ir-rapport ikkonkluda li, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, il-kriterju tad-defiċit ma ġiex sodisfatt mill-Bulgarija. Fid-dawl ta' dan u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju kif stabbilit skont l-Artikolu 126(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni pproponiet li tiftaħ proċedura ta' defiċit eċċessiv billi rakkomandat lill-Kunsill jadotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 126(6) tat-TFUE li tistabbilixxi l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit fl-2026. Fi [DATA], il-Kunsill adotta tali Deċiżjoni għall-Bulgarija<sup>(15)</sup>, flimkien ma' Rakkomandazzjoni<sup>(16)</sup> skont l-Artikolu 126(7) TFUE bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv.
- (19) Il-Bulgarija qed tiffaċċja sfida doppja li tissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha filwaqt li ttejjeb il-ġustizzja u l-effettività tas-sistema tat-taxxa tagħha. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tas-sistema hija r-rata fissa tat-taxxa fuq l-introjtu ta' 10 %, applikata mingħajr allowance ħielsa mit-taxxa, li tirriżulta f'distribuzzjoni rigressiva tal-piż tat-taxxa b'tali mod li dawk li jaqilgħu introjtu għoli jiffaċċjaw porzjon ta' taxxa kemxejn aktar baxx minn dawk li jaqilgħu introjtu baxx. F'dawn l-aħħar snin, in-nefqa pubblika żdiedet, b'mod partikolari fl-oqasma tal-pensjonijiet u l-pagi tas-settur pubbliku. Dawn iż-żidiet spiss ġew iffinanzjati permezz ta' miżuri għal żmien qasir jew ad hoc aktar milli miżuri strutturali stabbli. Dan naqqas il-prevedibbiltà tal-politika fiskali u żied ir-riskji fiskali, speċjalment hekk kif qed jitfaċċaw aktar pressjonijiet ta' nfiq strutturali. Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-iżviluppi demografiċi huma mistennija li jkollhom rwol ewlieni. It-tixjiħ tal-popolazzjoni se jpoġġi pressjoni sostnuta fuq l-infiq soċjali, b'mod partikolari fuq il-

<sup>14</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni, imħejji f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, 3.6.2026, COM (2026) 302 final.

<sup>15</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/[ĠU: jekk jogħġbok daħħal] ta'[DATA] dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija, (ĠU [jekk jogħġbok daħħal ir-referenzi rilevanti tal-ĠU]).

<sup>16</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Belġju, adottata fi [DATA]. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv tal-Bulgarija jinsabu hawn: [https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/Bulgaria\\_en](https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/Bulgaria_en).

pensjonijiet u l-kura tas-saħħa, li barra minn hekk jiffaċċjaw sfidi ta' adegwatezza. Fl-istess ħin, nefqa addizzjonali relatata mat-tiżni tal-kapaċitajiet tad-difiża nazzjonali u kollettivi x'aktarx li żżid aktar pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi. Fin-nuqqas ta' aġġustamenti ta' politika, dawn il-fatturi se jagħmluha aktar diffiċli biex tinżamm id-dixxiplina fiskali. Il-Bulgarija qed tiffaċċja wkoll sfidi strutturali persistenti fuq in-naħa tad-dħul. Id-dħul mit-taxxa, bħala sehem mill-PDG, għadu ferm taħt il-medja tal-UE, u dan jillimita l-kapaċità tal-pajjiż li jiffinanzja s-servizzi pubbliċi u l-investment. Il-ġbir tad-dħul ikompli jiddgħajjef minn livelli għoljin ta' arretrati tat-taxxa. Barra minn hekk, il-Bulgarija għandha waħda mill-akbar ekonomiji sotterranji stmati fl-Unjoni Ewropea, li ddgħajjef il-konformità mar-regoli tat-taxxa u tillimita l-kapaċità tad-dħul tagħha.

- (20) L-involvement sistematiku, sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata s-jieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-Kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (21) L-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), fil-Bulgarija qed tagħmel progress tajjeb, speċjalment f'termini ta' għażla ta' proġetti. Huwa importanti li jiżiedu l-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-proġetti magħżula, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Fl-istess ħin, il-Bulgarija teħtieġ li tħaffef l-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurati li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Bulgarija fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu <sup>(17)</sup>, jintużaw malajr u b'mod effettiv.
- (22) Il-Bulgarija qed tiffaċċja diversi sfidi relatati mal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza sottonazzjonali, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, il-qafas tal-ġustizzja u kontra l-korruzzjoni, l-akkwist pubbliku u l-kwalità regolatorja, il-livell ta' riċerka u innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-industrija, il-faqar enerġetiku, it-trasport u l-konnettività, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, l-inklużjoni soċjali u l-kura tas-saħħa.
- (23) L-amministrazzjoni pubblika għadha qed tiffaċċja restrizzjonijiet tal-kapaċità, speċjalment fil-livell sottonazzjonali, u jidher li huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini u tan-negozji. Il-Bulgarija għandha l-aktar sehem baxx ta' impjegati taċ-ċivil li jipparteċipaw fit-tagħlim għall-adulti, li jfixxkel l-iżvilupp tal-ħiliet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak sottonazzjonali. Barra minn hekk, il-muniċipalitajiet jiltaqgħu ma' diffikultajiet persistenti biex jattiraw u jżommu esperti kwalifikati biex jimplimentaw inizjattivi u proġetti ffinanzjati mill-UE, li joħloq sfidi fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Il-frammentazzjoni tal-proċessi ta' governanza u ppjanar fil-livell sottonazzjonali toħloq restrizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni effettiva tal-proġetti ffinanzjati mill-UE, kif ukoll għall-allinjament tal-prijoritajiet fi ħdan strateġija territorjali usa'. Saru disponibbli aktar servizzi pubbliċi

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

diġitali u dawn jintużaw b'mod regolari min-negozji u miċ-ċittadini, iżda l-opportunitajiet offruti mill-infrastruttura tal-gvern diġitali ma ntużawx bis-sħiħ minħabba kumplessità amministrattiva għolja u faċilità tal-użu baxxa. Biex jiġu rrimedjati dawn in-nuqqasijiet, il-prijoritajiet ewlenin li fadal huma l-iżgurar tal-interoperabbiltà fil-livelli kollha tal-gvern, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol interni, u l-espansjoni tal-forniment ta' servizzi pubbliċi online minn tarf sa tarf. Għaddejjin sforzi biex tiġi ssimplifikata r-regolamentazzjoni, jittejjbu l-għodod regolatorji u jitnaqqas il-piż amministrattiv, iżda l-impatt tagħhom għadu ma tax riżultati tanġibbli. L-ostakli regolatorji u amministrattivi għas-suq uniku jaffettwaw il-kummerċ tal-merkanzija fiż-Żona Ekonomika Ewropea (inklużi l-ktajjen loġistiċi transfruntiera), kif ukoll il-forniment ta' servizzi professjonali, u l-istabbiliment tan-negozju.

- (24) It-tiżiħ tal-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni jibqa' kruċjali biex jinżamm ambjent ekonomiku stabbli u prevedibbli bbażat fuq l-istat tad-dritt. Il-Bulgarija għadha ma stabbiliet rekord robust fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-qafas legali li jirregola kummissjoni kontra l-korruzzjoni, introdott fl-2023, ma żgurax l-indipendenza politika tal-korp, u tħassar fl-2026 qabel ma setgħet tinħatar il-maniġment il-ġdid tal-kummissjoni kontra l-korruzzjoni. Il-Bulgarija ħadet passi preparatorji fir-rigward ta' liġi riveduta kontra l-korruzzjoni iżda l-adozzjoni mill-Parlament għadha pendenti. Barra minn hekk, l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, bħala l-korp ta' awtogovernanza tal-ġudikatura, huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb kemm tal-qrati kif ukoll tal-uffiċċju tal-prosekutur, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ilu jopera b'mandat skadut mill-2022, li għandu impatt negattiv fuq il-leġittimità tiegħu u jżommu milli jeżerċita xi wħud mill-funzjonijiet tiegħu, bħall-ħatra ta' Prosekutur Ġenerali ġdid. Minħabba r-rwol ewlieni tal-uffiċċju tal-prosekutur fit-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali, l-indirizzar tan-nuqqasijiet relatati mal-funzjonament tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura jista' jkompli jappoġġa l-isforzi kontra l-korruzzjoni fil-pajjiż.
- (25) Il-governanza strutturali u d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni fl-akkwist pubbliku jkomplu jillimitaw il-kompetittività. Iż-żieda fl-ishma ta' lottijiet mogħtija direttament u proċeduri b'offerent wieħed, kif ukoll għadd sinifikanti ta' kuntratti li ma rmxewx jew li ġew ikkanċellati, jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni u jdgħajfu l-fiduċja u l-perċezzjoni tal-ġustizzja min-negozji. Filwaqt li ġie implimentat xi titjib proċedurali taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, huma meħtieġa rieżami ulterjuri tal-istruttura ta' governanza, it-tiżiħ tas-salvagwardji u l-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-akkwist pubbliku, u żieda fil-kapaċità u l-għarfien espert tal-aġenziji rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali. Il-Bulgarija ħadet xi passi biex iġġedded il-mandati ta' ċerti awtoritajiet regolatorji, iżda t-tħassib dwar l-indipendenza tagħhom għadu ma ġie indirizzat. Restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi u influwenza politika mhux xierqa jfixklu l-kwalità tal-output regolatorju tagħhom. Għad hemm salvagwardji insuffiċjenti għall-indipendenza tal-korpi regolatorji mill-parteċipanti fis-suq, b'mod partikolari f'setturi bħall-enerġija, fejn l-intrapriżi tal-Istat għandhom influwenza sinifikanti. Fir-rigward tal-ġustizzja, għad hemm tħassib dwar il-funzjonament tal-Ispettorat għall-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u r-riskju ta' influwenza politika, peress li l-mandat tiegħu skada fl-2020 mingħajr tiġdid.
- (26) Is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Bulgarija għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti, b'investiment pubbliku u privat baxx fir-R&Ż ferm taħt il-medji tal-UE, u

xenarju istituzzjonali frammentat li jillimita l-effettività, kif deskritt fir-rapport tal-faċilità ta' appoġġ għall-politika. Minkejja l-progress fil-qafas ta' governanza, inkluż permezz tal-adozzjoni tal-Liġi dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-istabbiliment tal-Kunsill tal-Innovazzjoni u r-Riċerka, għadha meħtieġa implimentazzjoni konsistenti u ċara. Barra minn hekk, il-mandati istituzzjonali għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għadhom mhux ċari, u l-attivitajiet tar-riċerka huma kkonċentrati żżejjed fir-reġjun kapitali, u dan jaggrava d-disparitajiet reġjonali. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-output tar-riċerka qed tixxekkel minn rabtiet dgħajfa bejn l-akkademja u n-negozju, kif ukoll ekosistema ta' trasferiment tat-teknoloġija inqas żviluppata. Filwaqt li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni jappoġġaw ċentru ġdid ta' trasferiment tat-teknoloġija, u t-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs qed titjeb gradwalment, hija meħtieġa żieda fl-investment pubbliku u privat fir-R&Ż, flimkien ma' mandati istituzzjonali aktar ċari u mekkaniżmi msaħħa ta' kummerċjalizzazzjoni, biex tingħata spinta lill-impatt tal-innovazzjoni.

- (27) Il-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa tal-Bulgarija għadhom fost l-oġhla fl-UE. Filwaqt li sar xi progress fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, bis-saħħa tal-eliminazzjoni gradwali tal-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u l-obbligi tas-servizz pubbliku li jappoġġaw direttament l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam, is-sistema tal-elettriku fil-Bulgarija tibqa' dipendenti fuq dawn l-impjanti biex tissodisfa d-domanda. L-introduzzjoni sinifikanti tal-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni solari ma kinitx akkumpanjata minn varar ekwivalenti tal-kapaċitajiet eoliċi fuq l-art jew lil hinn mill-kosta minkejja l-potenzjal eżistenti fil-Bulgarija. L-użu mistenni ta' kapaċitajiet kbar ta' ħżin tal-batteriji jista', jekk jingħaqad mat-tiżni tal-grilji ta' distribuzzjoni li jeħtieġu titjib u kapaċità addizzjonali, jippermetti provvista tal-elettriku aktar flessibbli u dekarbonizzata. It-titjib tal-flessibilità tad-domanda li tagħmel il-prezzijiet bl-impnut għall-unitajiet domestiċi aktar reattivi għas-sinjali tal-prezzijiet bl-ingrossa u l-iżvilupp ulterjuri ta' kejl intelliġenti. Il-provvista u d-domanda flessibbli huma meħtieġa biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-elettriku, li jwassal għal prezzijiet tal-elettriku aktar affordabbli b'ġenerazzjoni addizzjonali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli/b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u grilji mtejba. Il-Bulgarian Energy Holding, li tinkludi intrapriżi tal-istat Bulgaru fil-ġenerazzjoni kollha b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (nukleari, idroenerġija); assi tal-fjuwils fossili (impjant tal-enerġija li jaħdem bil-faħam u l-estrazzjoni tal-faħam, kif ukoll assi tal-gass naturali); u l-assi regolati — l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSO), jeħtieġu riforma biex itejbu t-trasparenza tagħhom u jneħħu t-tħassib dwar is-sussidjar reċiproku tal-assi tal-faħam. Din ir-riforma tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tippermetti li l-assi regolati — b'mod partikolari t-TSO tal-elettriku — jiffokaw fuq in-negozju ewlieni tagħhom.
- (28) Is-sistemi tat-tiżni distrettwali fil-Bulgarija għadhom jiddependu fuq il-gass naturali u l-faħam. Filwaqt li sar progress fl-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili għall-produzzjoni tal-elettriku, is-sussidji diretti lejn it-tiżni distrettwali mingħajr ebda eliminazzjoni gradwali ppjanata qabel l-2030 għadhom ma ġewx indirizzati. Is-sussidji għall-fjuwils fossili li la jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod immirat u lanqas it-tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija, ixekklu l-elettrifikazzjoni, mhumiex essenzjali għall-kompetittività industrijali u jistgħu jitqiesu bħala prijorità ta' eliminazzjoni gradwali. It-tariffi feed-in għall-impjanti tas-sħana u tal-enerġija kkombinati li jfornu lin-networks tat-tiżni distrettwali jtawlu l-vijabbiltà tal-ekonomija tal-ġenerazzjoni tas-sħana bbażata fuq il-fjuwils fossili u jdewmu l-modernizzazzjoni tal-assi tal-ġenerazzjoni u tan-network għal standards ta' effiċjenza

għolja. Ir-riforma ta' dawn it-tariffi tillibera spazju fiskali li jista' jiġi dirett mill-ġdid lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-tiġn distrettwali u appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija.

- (29) Il-faqar enerġetiku għadu sfida strutturali fil-Bulgarija, xprunat minn nuqqas ta' mekkaniżmi ta' appoġġ immirati lejn daww l-aktar fil-bżonn, li jħalli s-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat ferm ogħla mill-medja tal-UE. Filwaqt li l-appoġġ bħalissa huwa ffukat fuq miżuri wiesgħa, bħal prezzijiet tal-elettriku bl-imnut regolati u baxxi b'mod universali u tariffi feed-in għall-impjanti tas-sħana u tal-enerġija kkombinati li jfornu networks tat-tiġn distrettwali, l-assistenza mmirata għadha lura. Dan l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi fiskali jħalli lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli esposti, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku permezz tat-tfassil ta' miżuri ta' politika adegwati u mmirati.
- (30) Minkejja l-progress limitat fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-industrija, it-tnaqqis ulterjuri tal-konsum tal-enerġija mill-utenti industrijali għadu kritiku, peress li l-intensità enerġetika tas-settur tal-manifattura tal-Bulgarija għadha fost l-ogħla erbgħa fl-Unjoni. Barra minn hekk, sehem sinifikanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra industrijali (45 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 35 %) jirriżulta minn proċessi mhux relatati mal-enerġija, li jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri komprensivi ta' dekarbonizzazzjoni lil hinn mill-effiċjenza enerġetika biss. L-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni industrijali — b'mod partikolari fis-setturi tal-manifattura b'emissjonijiet għoljin — tikkontribwixxi għat-tiġn tal-kompetittività filwaqt li tnaqqas id-dipendenza fuq riżorsi u enerġija b'emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra.
- (31) It-trasport għadu fost is-setturi bl-ogħla emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Bulgarija fl-2023, filwaqt li l-użu tal-vetturi elettriċi għadu ferm taħt il-medja tal-UE, b'0,56 % fl-2024. Il-varar tal-infrastruttura tal-iċċarġjar miexi bil-mod, b'inqas minn 15 % tal-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku awtorizzata għall-2030 qed tiġi varata. In-nuqqas ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku jwassal għal sfidi ta' konnettività, b'mod partikolari fir-reġjun tat-Tramuntana. Hemm bżonn ta' aktar azzjoni biex jiġu aċċellerati l-investimenti fl-infrastruttura fit-trasport pubbliku, tiġi mmodernizzata l-infrastruttura ferrovjarja, inkluż bl-elettrifikazzjoni tal-ERTMS, u tiġi estiża l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, filwaqt li jiġu infurzati b'mod effettiv il-miżuri tas-sikurezza fit-toroq u tittejjeb il-konnettività tar-reġjun tat-Tramuntana u bejn il-fruntieri, bit-tlestija tat-TEN-T.
- (32) Il-Bulgarija għadha vulnerabbli għar-riskji klimatiċi li qed jiżdedu (b'mod partikolari l-għargħar, in-nixfiet u t-tnaqqis fil-livelli tal-ilma), li jgħolqu sfidi għar-reżiljenza ekonomika u tas-soċjetà tal-pajjiż. It-tibdil fil-klima qed jesponi vulnerabbiltajiet kbar tal-infrastruttura tat-trasport. L-infrastruttura tal-ilma għadha sottożviluppata, b'telf għoli ħafna u bil-konformità mat-trattament tal-ilma mormi ferm taħt ir-rekwiżiti tal-UE, li jindika nuqqasijiet persistenti fil-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart. Il-qafas nazzjonali ta' adattament jipprovdi bażi għall-azzjoni, iżda l-implimentazzjoni tiegħu għadha mhix uniformi minħabba governanza klimatika frammentata u dgħufijiet istituzzjonali usa', inkluż in-nuqqas ta' valutazzjonijiet obligatorji tar-riskju klimatiku. Azzjonijiet ulterjuri, inklużi xi wħud appoġġati mill-politika ta' koeżjoni, għandhom l-għan li jtejjbu l-infrastruttura tal-ilma u tal-iskart u jsaħħu r-reżiljenza għall-klima. Madankollu, l-investment għadu taħt il-medja tal-UE, filwaqt li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-kopertura tal-assigurazzjoni kontra r-riskji relatati mal-klima għadhom limitati, u dan jillimita l-użu sostenibbli tar-riżorsi u r-reżiljenza ġenerali, inkluż dik tal-ekosistemi tal-baħar.

- (33) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiġħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Bulgarija jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (34) Il-prestazzjoni dgħajfa tal-Bulgarija fil-ħiliet bażiċi tiżvela sfidi strutturali li jillimitaw l-iżvilupp tal-kapital uman u l-kompetittività. Madwar nofs iż-żgħażaġħ Bulgari ta' 15-il sena ma jilħqux il-profiċjenza minima fil-ħiliet bażiċi, li hija madwar id-doppju tal-medja tal-UE. Il-prestazzjoni insuffiċjenti hija marbuta mal-isfidi fil-kurrikuli tal-iskejjel u l-kwalità tat-tagħlim. Hemm użu insuffiċjenti tal-approċċi bażati fuq il-kompetenzi u ċċentrati fuq l-istudent, b'konċentrazzjoni żgħira wisq fuq l-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi u fuq il-kompetenzi STEM. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għadha baxxa u mhux uniformi, u dan jillimita t-tagħlim bikri u jaggrava l-inugwaljanzi. Dawk affettwati b'mod partikolari huma gruppi żvantaġġati, inklużi t-tfal Rom. L-edukazzjoni għolja tal-Bulgarija għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fl-iżvilupp ta' talent b'livell għoli ta' ħiliet, b'mod partikolari fl-iSTEM, b'implikazzjonijiet għall-produttività u l-innovazzjoni. Il-kwalità tat-tagħlim għadha tbatu minn nuqqas ta' għalliema, speċjalment fl-iSTEM, opportunitajiet ta' żvilupp professjonali insuffiċjenti u mhux immirati kif ukoll rabta dgħajfa bejn il-prestazzjoni u l-paga.
- (35) Is-suq tax-xogħol tal-Bulgarija baqa' strett fl-2025, bir-rata ta' impjeg tiżdied għal 77 %, kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. Fl-istess ħin, l-impjiegi globali naqsu għar-raba' sena konsekuttiva, f'konformità ma' xejriet demografiċi usa', filwaqt li l-qgħad baqa' f'livell storikament baxx ta' 3,5 %. In-nuqqas ta' ħaddiema kompli minkejja xi sinjali ta' domanda aktar dgħajfa, u l-impjegaturi għadhom jirrapportaw ħtieġa għal aktar minn 230 000 ħaddiem addizzjonali. Għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti, b'differenzi fl-impjiegi bejn ir-reġjuni bl-aħjar u bl-aħjar prestazzjoni li jilħqu aktar minn 10 punti perċentwali. Is-sehem taż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, ma jaħdmux jew ma jitħarrġux baqa' għoli meta mqabbel mal-medja tal-UE, speċjalment fost dawk b'diżabilità u r-Rom. L-eżiti tas-suq tax-xogħol baqgħu wkoll mhux uniformi għall-gruppi vulnerabbli: id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kienet għadha wiesgħa, u minkejja progress notevoli f'dawn l-aħħar snin, l-impjiegi tar-Rom komplew isegwu l-medja nazzjonali, filwaqt li r-rati ta' NEET fost iż-żgħażaġħ Rom baqgħu għoljin sa 46 %.
- (36) In-nuqqas ta' ħiliet ikompli jfixkel il-kompetittività. Għalkemm is-sehem ta' persuni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi żdied fl-2025, dan baqa' ferm taħt il-medja tal-UE, u llimita l-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-aċċess għas-servizzi online filwaqt li r-riskja distakki soċjali u reġjonali usa'. Is-sehem tal-ispeċjalisti tal-ICT baqa' wkoll komparattivament baxx, u l-adozzjoni tal-IA min-negożji kienet għadha modesta. Minkejja l-introduzzjoni kontinwa tar-riformi tal-VET u l-parteċipazzjoni relattivament għolja fil-VET sekondarji tat-tieni livell, l-ispariġġi persistenti fil-ħiliet għadhom ta' piż fuq l-eżiti, peress li r-rata ta' impjeg tal-gradwati tal-VET għadha ferm taħt il-medja tal-UE u mhijiex allinjata biżżejjed mad-domananda tas-suq tax-xogħol. Il-Bulgarija għadha lura b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-medja tal-UE fir-rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti, inkluż fost l-adulti impjegati. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-kwalità tal-impjiegi.
- (37) Il-Bulgarija għadha qed tiffaċċja sfidi strutturali relatati mat-tnaqqis tal-faqar, l-inugwaljanza u l-protezzjoni soċjali. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali ssaħħet permezz

ta' riforma tal-iskema ta' introjtu minimu, ikkomplementata minn tkabbir fil-pagi, li appoġġat l-introjtu tal-unitajiet domestiċi u saħħet il-bażi ta' finanzjament tal-assigurazzjoni soċjali. L-impatt fit-tul tar-riforma fuq l-adeqwatezza u l-kopertura għad irid jiġi evalwat. Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar naqas iżda għadu għoli, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli, u dan jindika effett limitat tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar. Ir-rata tal-faqar fost dawk li jaħdmu naqset iżda għadha l-ogħla fl-UE. Ir-rata tar-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali (AROE) għar-Rom u għall-persuni b'diżabilità kienet partikolarment għolja, b'78,3 % u 43,8 % rispettivament, u r-rata tal-AROE għat-tfal għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE. L-aċċessibilità, l-affordabilità u l-kwalità tas-servizzi soċjali qed jitjiebu, bis-saħħa ta' riformi mmirati relatati mal-kwalità u l-immappjar tas-servizzi soċjali, li juru progress fil-bidla minn kura istituzzjonalizzata għal kura komunitarja u fid-dar. Madankollu, il-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali, b'mod partikolari għall-kura fit-tul, għadhom għoljin u għad hemm sfidi. Is-soċjetà li qed tixjieħ malajr tkompli tkun ta' piż fuq iż-żieda fid-domanda għall-kura tal-anzjani u n-nuqqas ta' persunal<sup>(18)</sup>.

- (38) Il-Bulgarija għadha qed tiffaċċja ostakli kbar għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'impatt negattiv fuq l-istennija tal-għomor u r-rati ta' mortalità li tista' tiġi evitata u ttrattata. Is-sistema tas-saħħa għadha ċċentrata ħafna fuq l-isptarijiet, b'sehem baxx ħafna ta' nfiq iddedikat għall-kura outpatient, il-kura primarja u l-prevenzjoni tal-mard minkejja l-għadd kbir ta' sodod fl-isptarijiet, ir-rati għoljin ta' rilaxx mill-isptarijiet u l-okkupanza komparattivament baxxa u t-tul medju tas-soġġorn. Il-mudell ta' pagament jinċentiva trattament standardizzat fl-isptar aktar milli kura mfassla apposta għall-ħtiġijiet individwali. Fl-istess ħin, l-aċċess huwa ristrett aktar minn nuqqasijiet u distribuzzjoni mhux uniformi tal-professjonisti tas-saħħa, speċjalment l-infermiera, fl-isfond ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ. Ħlas għoli mill-but jibqgħu wkoll ostaklu sinifikanti għall-aċċess, bil-Bulgarija tirreġistra l-ogħla sehem ta' tali pagamenti fin-nefqa totali fuq il-kura tas-saħħa fl-UE, flimkien ma' sehem għoli ta' nfiq privat fuq il-kura outpatient. L-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa mfixkel aktar mill-adozzjoni bil-mod u mhux uniformi tas-servizzi tas-saħħa elettronika fost il-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa.
- (39) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom għall-funzjonament tal-Unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għall-Bulgarija, ir-rakkomandazzjonijiet (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel u t-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' u l-id-disa' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, u r-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

<sup>18</sup>

[SWD\(2026\) 122 – Analiżi tat-tieni stadju tal-pajjiżi dwar il-konverġenza soċjali f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali \(SCF\), 2026.](#)

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati mill-Kunsill fi [data], bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv filwaqt li jsir użu mill-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għal nefqa oġhla fid-difiża. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment tadatta l-baġit biex issostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura li tittieħed biex tnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-ħarsien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tieħu miżuri biex tindirizza l-ekonomija sewda, inkluż billi tnaqqas l-inċentivi għan-nuqqas ta' rapportar u l-ommissjoni tal-introjtu, u ttejjeb il-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa. Issaħħaħ il-ġbir tat-taxxa, inkluż billi ttejjeb l-irkupru tal-arretrati, tappoġġa l-konformità mar-regoli tat-taxxa u twessa' l-bażi tad-dħul.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Iżżid l-isforzi biex jimplimenta l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi u tal-flessibbiltajiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Ittejjeb il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika, speċjalment fil-livell sottonazzjonali, billi tissimplifika r-regolamentazzjoni u ttejjeb l-għodod regolatorji; tissimplifika u tiddiġitalizza l-flussi tax-xogħol u tas-servizzi, iżżid fl-interoperabbiltà fil-livelli kollha tal-gvern; u tiżviluppa aktar is-sett ta' ħiliet tal-impjegati taċ-ċivil. Ittejjeb l-effettività tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inkluż billi ssaħħaħ l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Ittejjeb il-kwalità u l-effettività tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u ssaħħaħ l-indipendenza u l-funzjonament tar-regolaturi. Iżżid l-impatt u l-effettività tal-investment pubbliku fir-R&Ż.
4. Tkompli tiddekarbonizza s-sistema tal-elettriku u tnaqqas id-dipendenza fuq il-ġenerazzjoni bbażata fuq il-fjuwils fossili, inkluż billi tippromwovi l-introduzzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta, tippermetti l-flessibilizzazzjoni tal-provvista u d-domanda, taġġorna l-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku fil-livell tad-distribuzzjoni u tirriforma l-governanza korporattiva tal-kumpaniji tal-Istat fis-settur tal-enerġija biex ittejjeb it-trasparenza. Tippromwovi l-modernizzazzjoni tas-sistemi tat-tiħin distrettwali bl-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili. Tindirizza l-faqar enerġetiku permezz ta' miżuri mmirati. Tħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Tippromwovi l-introduzzjoni u l-adozzjoni tat-trasport urban, pubbliku u ferrovjarju nadif, inkluż billi taċċellera l-investimenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa u l-konnettività fir-Reġjun tat-Tramuntana. Ittejjeb ir-reżiljenza għall-klima u għall-ilma u l-ġestjoni tal-iskart.
5. Issaħħaħ l-apprendiment ibbażati fuq il-kompetenzi. Tkompli ttejjeb il-kwalità tat-tagħlim b'taħriġ tal-għalliema bbażat fuq il-ħtiġijiet. Ittejjeb il-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Iżżid l-impjeg ta' gruppi sottorappreżentati. Issaħħaħ l-akkwist tal-ħiliet, inkluż it-tagħlim għall-adulti, biex tingħata spinta lill-kompetittività. Tindirizza l-inklużjoni soċjali billi ttejjeb l-aċċess għall-impjeg u servizzi soċjali integrati aħjar, kura fit-tul ibbażata fil-komunità u appoġġ ta' introjtu minimu iktar effettiv. Issaħħaħ l-effettività u l-

aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi talloka mill-ġdid ir-riżorsi minn kura fl-isptar lejn kura outpatient, tnaqqas il-ħlas mill-but u tindirizza n-nuqqasijiet u d-distribuzzjoni mhux uniformi tal-professjonisti tas-saħħa fil-pajjiż kollu.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*